MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2011

Numru. 175/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Yvonne Farrugia]**

**vs**

**Adrian Cini**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Adrian Cini detentur tal-karta tal-identita` numru 241276(M).

Akkuzat talli:
f'dawn il-Gzejjer, fid-29 ta' Settembru 2006 jew fil-jiem ta' qabel, irrenda ruhu komplici fl-ghoti ta' dikjarazzjonijiet jew certifikati foloz a tenur tal-artikoli 42 u 185 tal-Kodici Kriminali;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, wieghed, ta jew offra, sew b’mod dirett jew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna, li asserixxiet jew ikkonfermat li kienet kapaci taghmel xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persunaa li hemm imsemmija fis-Sub-titolu IV tat-titolu III tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabiex igieghel lil dik l-istess persuna tesercita dik l-influwenza;

U aktar talli f’dawn il-Gzejjer, f’Settembru 2006 u x-xhur ta’ wara xjentament ghamel uzu minn wiehed mid-dokumenti imsemmija fl-artikolu 185 tal-Kodici Kriminali a tenur tal-artikolu 186 tal-Kodici Kriminali.

Rat id-dokumenti, inkluz il-Kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ojderna tigi trattata bi procedura odjerna;

Rat l-ezami tal-imputat fejn wiegeb li hu hati ghall-akkuzi kif dedotti kontrih u l-konferma ta’ tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista’ jirregola ruhu; u

Rat li l-imputat ikkopera bis-shih mal-prosekuzzjoni u l-involviment tieghu ma kienx determinanti ghall-otteniment tal-licenzja in kwistjoni.

Ghal dawn il-motivi, u wara li rat l-Artikoli 17(h), 42(d), 185, 186 u 121A(1) tal-Kodici Kriminali qed issib lill-imputat Adrian Cini hati tal-akkuzi kif kollha kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 qeghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sena (1) mil-lum.

Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------